**A.L. 112 tal-2010**

# ATT DWAR IL-PROFESSJONI TA' L-*ACCOUNTANCY* (KAP. 281)

## Regolamenti tal-2010 dwar il-Professjoni tal-*Accountancy* (Provvista ta' Servizzi tal-*Accountancy* fuq Bażi Temporanja u Okkażjonali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 8 u l-artikolu 8A tal-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-*Accountancy*, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar il-Professjoni tal-*Accountancy* (Provvista ta' Servizzi tal-*Accountancy* fuq Bażi Temporanja u Okkażjonali).

Għan.

**2.** L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu biex jiġu provduti regoli speċifiċi għall-provvista ta' servizzi tal-*accountancy*, kif mfissra hawn, skont it-Tieni Parti tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali u Titolu II tad-Direttiva, kif mfissra hawn, u dawn ir-regolamenti għandhom jiġu interpretati u applikati skont hekk.

L.S 451.01.

Tifsir.

**3.** (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma titlobx xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*;

Kap. 281.

"id-Direttiva" tfisser id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 rigward ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali;

"il-fornitur temporanju tas-servizzi" tfisser kull individwu, minbarra detentur tal-*warrant*, li jkun qed jipprova jipprovdi servizzi tal-*accountancy* f'Malta fuq bażi temporanja u okkażjonali.

"ir-Regolamenti" tfisser ir-Regolamenti dwar il-Professjoni tal-*Accountancy* maħruġa skont l-Att; u

"servizzi tal-*accountancy*" tfisser il-provvista ta' xogħol u, jew l-għoti ta' servizzi mqabbel ma' dawk elenkati fir-regolament 3(2) tar-Regolamenti.

(2) Sakemm ir-rabta tal-kliem ma titlobx xort'oħra, termini użati f'dawn ir-regolamenti li ma jkunux mfissra hawnhekk għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

Kondizzjonijiet relatati mal-forniment ta' servizzi tal-*accountancy* fuq bażi temporanja u okkażjonali.

**4.** Il-fornitur temporanju tas-servizzi m'għandux ikun projbit milli jforni servizzi tal-*accountancy* f'Malta fuq bażi temporanja u okkażjonali, sakemm hu:

(a) ikun legalment stabbilit f'xi Stat Membru bl-għan li jeżerċita' l-istess professjoni:

Iżda meta l-forniment tas-servizzi tal-*accountancy*, jew l-edukazzjoni jew it-taħriġ li jwassal għas-servizz tal-*accountancy*, ma jkunx irregolat f'dak l-Istat Membru fejn il-fornitur temporanju tas-servizz ikun legalment stabbilit, il-fornitur temporanju tas-servizz m'għandux ikun projbit milli jforni servizzi tal-*accountancy* f'Malta fuq bażi temporanja u okkażjonali jekk ikun forna servizzi tal-*accountancy* f'dak l-Istat Membru fejn il-fornitur temporanju tas-servizz ikun legalment stabbilit għal tal-anqas sentejn matul l-għaxar snin li jiġu qabel il-forniment tas-servizzi tal-*accountancy* f'Malta fuq bażi temporanja u okkażjonali;

(b) ikun kopert minn assigurazzjoni għal indennizz xierqa skont l-Att jew skont ir-regolamenti maħruġa taħt l-Att;

(ċ) l-għarfien neċessarju tal-lingwa jew lingwi meħtieġa għall-forniment ta' servizzi tal-*accountancy* f'Malta; u

(d) ikun ippreżenta lill-Bord dikjarazzjoni bil-miktub u d-dokumentazzjoni skont ir-regolament 6.

Stabbiliment ta' servizzi temporanji u okkażjonali.

**5.** (1) L-istabbiliment ta' jekk servizzi tal-*accountancy* hux qiegħdin jiġu fornuti f'Malta fuq bażi temporanja jew okkażjonali, għandu jiġi evalwat mill-Bord b'referenza għaċ-ċirkostanzi kollha tas-servizzi tal-*accountancy* relevanti inkluż, imma mhux limitat, għat-tul ta' żmien, frekwenza, regolarità u kontinwità tas-servizz tal-*accountancy* li jkun ser jiġi fornut f'Malta.

(2) Meta l-Bord jistabbilixxi li s-servizzi tal-*accountancy* m'għandhomx, jew mhux qiegħdin jiġu forniti f'Malta fuq bażi temporanja u okkażjonali minn fornitur temporanju tas-servizzi, dak il-fornitur għandu, fuq notifika mill-Bord dwar dak l-istabbiliment, ikun projbit milli jforni dak is-servizz tal-*accountancy* sakemm ma jkunx detentur tal-*warrant* maħruġ skont l-Att:

Iżda id-deċiżjoni tal-Bord meħuda skont dan is-subregolament tkun suġġett għal appell skont l-artikolu 15B tal-Att.

(3) Meta fornitur temporanju tas-servizzi, minkejja li jkun notifikat mill-Bord skont is-subregolament (2), iforni servizzi tal-*accountancy* f'Malta, mingħajr ma jkun detentur tal-*warrant*, hu jkun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn sitt elef euro (€6,000).

Dikjarazzjoni bil-miktub.

**6.** (1) Fornitur temporanju tas-servizzi għandu, qabel ma jibda jforni s-servizzi tal-*accountancy* f'Malta, jippreżenta lill-Bord, b'mezzi elettroniċi jew oħrajn, dikjarazzjoni bil-miktub f'dik il-forma kif jista' jiġi stabbilit mill-Bord minn żmien għal żmien u tkun disponibbli fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-Bord, bis-segwenti tagħrif:

(a) l-isem sħiħ tal-fornitur temporanju tas-servizzi;

(b) l-indirizz legali sħiħ tal-fornitur temporanju tas-servizzi;

(ċ) dettalji tas-servizzi tal-*accountancy* li jkun ser jiġu fornuti f'Malta, inkluż id-dettalji tal-klijent f'Malta;

(d) fejn japplika, kull reġistru li fih l-fornitur temporanju tas-servizzi ikun reġistrat, in-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu, jew mezzi ekwivalenti ta' identifikazzjoni li jinsabu f'dak ir-reġistru;

(e) dikjarazzjoni illi l-fornitur temporanju tas-servizzi huwa kopert minn assigurazzjoni għal indennizz xierqa skont l-Att jew skont ir-regolamenti maħruġa taħt l-Att;

(f) id-dettalji ta' kull assoċjazzjoni professjonali jew korp simili li magħhom ikun reġistrat jew li fihom ikun membru il-fornitur temporanju tas-servizzi; u

(ġ) it-titolu jew nomina professjonali jew, fejn dak it-titolu jew nomina ma jkunux jeżistu, il-kwalifika formali tal-fornitur temporanju tas-servizzi u l-Istat Membru fejn dawn ikunu ingħataw.

(2) Flimkien mad-dikjarazzjoni bil-miktub msemmija fis-subregolament (1), il-fornitur temporanju tas-servizzi għandu jippreżenta lill-Bord id-dokumenti li ġejjin:

(a) prova tan-nazzjonalità tal-fornitur temporanju tas-servizzi;

(b) attestazzjoni minn korp relevanti fl-Istat Membru fejn il-fornitur temporanju tas-servizzi huwa legalment stabbilit li tiċċertifika li dak l-fornitur huwa hekk legalment stabbilit f'dak l-Istat Membru bl-għan li jforni servizzi tal-*accountancy* u li l-fornitur temporanju tas-servizzi mhuwiex projbit milli jforni servizzi tal-*accountancy*, anke jekk b'mod temporanju, fl-Istat Membru fejn huwa legalment stabbilit fid-data li fiha tiġi mwassla d-dikjarazzjoni bil-miktub;

(ċ) fis-sitwazzjoni msemmija fil-proviso għar-regolament 4(a), kull mezz ta' prova illi l-fornitur temporanju tas-servizzi forna servizzi tal-*accountancy* għal tal-anqas sentejn matul l-għaxar snin preċedenti;

(d) attestazzjoni illi l-fornitur temporanju tas-servizzi huwa kopert minn assigurazzjoni għal indennizz xierqa skont l-Att jew skont ir-regolamenti maħruġa taħt l-Att; u

(e) prova tal-kwalifiki professjonali tal-fornitur temporanju tas-servizzi.

(3) Jekk, minħabba bidla materjali fl-istatus tal-fornitur temporanju tas-servizzi, id-dikjarazzjoni bil-miktub u, jew id-dokumentazzjoni preżentati flimkien ma jkunux jiriflettu iżjed dak l-istatus, il-fornitur temporanju tas-servizzi għandu jippreżenta lill-Bord dikjarazzjoni bil-miktub aġġornata u, jew dawk id-dokumenti li jiriflettu dik il-bidla fl-istatus tal-fornitur temporanju tas-servizzi fi żmien ħmistax-il jum mid-data ta' meta seħħet dik il-bidla.

(4) Jekk fornitur temporanju tas-servizzi jixtieq jforni servizzi tal-*accountancy* fis-sena kalendarja li tiġi minnufih wara s-sena li fiha d-dikjarazzjoni bil-miktub tkun ġiet preżentata, jew preżentata mill-ġdid kif ikun il-każ, dik id-dikjarazzjoni bil-miktub għandha tiġi mġedda u preżentata mill-ġdid lill-Bord:

Iżda, f'kull każ, dik id-dikjarazzjoni bil-miktub għandha tiġi mġedda jew preżentata mill-ġdid lill-Bord qabel ma jibda l-forniment tas-servizzi tal-*accountancy* f'Malta f'dik is-sena partikolari.

Titolu jew nomina professjonali.

**7.** (1) Fornitur temporanju tas-servizzi għandu, meta jforni servizzi tal-*accountancy* f'Malta fuq bażi temporanja u okkażjonali, ikun intitolat li jagħmel użu mit-titolu jew nomina professjonali li kien juża meta kien jforni s-servizzi tal-*accountancy* fl-Istat Membru fejn hu kien legalment stabbilit, li jkun segwiti mill-isem u l-indirizz tal-istabbiliment jew l-bord tal-eżami li jkun tah.

(2) It-titolu jew nomina professjonali għandha tkun indikata fl-lingwa uffiċċjali jew waħda mill-lingwi uffiċċjali tal-Istat Membru li fih huwa legalment stabbilit il-fornitur temporanju tas-servizzi u tkun indikata b'dak il-mod sabiex tiġi evitata konfużjoni man-nomina użata f'Malta.

(3) Jekk l-ebda titolu jew in-nomina professjonali ma jkun użat fl-Istat Membru li fih huwa legalment stabbilit il-fornitur temporanju tas-servizzi, il-fornitur temporanju tas-servizzi għandu jindika il-kwalifika formali tiegħu fil-lingwa uffiċċjali jew waħda mil-lingwi uffiċċjali ta' dak l-Istat Membru.

Informazzjoni li għandha tingħata lir-riċevitur.

**8.** Fornitur temporanju tas-servizzi għandu jagħti, meta jforni servizzi tal-*accountancy* f'Malta fuq bażi temporanja u okkażjonali, lir-riċevitur tas-servizzi tal-*accountancy* dan it-tagħrif li ġej:

(a) fejn japplika, kull reġistru li fih l-fornitur temporanju tas-servizzi ikun reġistrat, in-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu, jew mezzi ekwivalenti ta' identifikazzjoni li jinsabu f'dak ir-reġistru;

(b) id-dettalji ta' kull assoċjazzjoni professjonali jew korp simili li magħhom ikun reġistrat jew li fihom ikun membru il-fornitur temporanju tas-servizzi;

(ċ) fejn il-forniment tas-servizzi tal-*accountancy* huwa soġġett għal awtorizzazzjoni fl-Istat Membru li fih huwa legalment stabbilit il-fornitur temporanju tas-servizzi, id-dettalji tal-awtorità ta' sorveljanza kompetenti jew tal-korp pubbliku ta' superviżjoni;

(d) it-titolu jew nomina professjonali użati, jew f'dak il-każ li dak it-titolu jew nomina ma jkunux jeżistu, il-kwalifika formali tal-fornitur temporanju tas-servizzi u l-Istat Membru fejn dawn ikunu ingħataw;

(e) in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT imsemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tal-fornitur temporanju tas-servizzi; u

(f) id-dettalji ta' kull kopertura ta' assigurazzjoni miżmuma mill-fornitur temporanju tas-servizzi skont l-Att.

Funzjonijiet tal-Bord.

**9.** (1) Il-Bord għandu jikkopera mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom huma legalment stabbiliti il-forniturі temporanji tas-servizzi sabiex iwettqu ir-responsabbiltajiet li joħorġu minn dawn ir-regolamenti u mir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali.

L.S. 451.01.

(2) Il-Bord għandu jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom huma legalment stabbiliti il-forniturі temporanji tas-servizzi bl-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġi żgurat illi l-ilmenti kontra fornitur temporanju tas-servizzi magħmula minn klijenti f'Malta ikunu korrettament indirizzati. Il-Bord għandu iżjed minn hekk jiżgura illi r-riċevituri ikunu infurmati bir-riżultat tal-ilment tagħhom.

(3) Il-Bord jista', wara li jirċievi id-dikjarazzjoni bil-miktub msemmija fir-regolament 6, jitlob lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu legalment stabbiliti il-forniturі temporanji tas-servizzi, fost ħwejjeġ oħra, tagħrif relevanti dwar il-legalità tal-istabbiliment tal-fornitur temporanju tas-servizz u l-kondotta tajba tiegħu, kif ukoll dwar in-nuqqas ta' sanzjonijiet dixxiplinarji jew kriminali ta' xorta professjonali:

Iżda meta, fuq bażi ta' informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu legalment stabbiliti il-forniturі temporanji tas-servizzi, il-Bord ikollu l-opinjoni li l-forniment tas-servizzi tal-*accountancy* huwa ta' ħsara għall-interessi tar-riċevituri, il-Bord jista', permezz ta' notifika lill-fornitur temporanju tas-servizzi, jiprojbixxi lil dak il-fornitur milli jforni servizzi ta' *accountancy* f'Malta:

Iżda wkoll id-disposizzjonijiet tar-regolament 5(3) għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal fornitur temporanju tas-servizzi illi, minkejja li kien notifikat skont dan is-subregolament, ikompli jforni s-servizzi tal-*accountancy* f'Malta:

Iżda wkoll deċiżjoni tal-Bord meħuda skont dan is-subregolament tkun soġġetta għal appell skont l-artikolu 15B tal-Att.

Kondotta Professjonali.

**10.** Fornitur temporanju tas-servizzi li jipprovdi servizzi ta' *accountancy* fuq bażi temporanja u okkażjonali għandu jħares kull direttiva jew linji ta' gwida li jirregolaw il-kondotta professjonali ta' detenturi tal-*warrant* u detenturi ta' ċertifikat ta' prattika, kodiċi tal-etika, standards ta' kompetenza u integrità u indipendenza li għandha tinżamm fil-professjoni.

Sanzjonijiet.

**11.** (1) Fornitur temporanju tas-servizzi għandu jkun projbit mill-Bord milli jforni servizzi tal-*accountancy* f'Malta meta, wara li tinżamm inkjesta mill-kumitat ta' dixxiplina maħtura skont l-artikolu 7(16) tal-Att, il-fornitur temporanju tas-servizzi jinstab ħati ta':

(a) kontravvenzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) kontravvenzjoni tad-direttivi jew linji ta' gwida li jirregolaw il-kondotta professjonali tad-detenturi tal-*warrant* u detenturi ta' ċertifikat ta' prattika, kodiċi tal-etika, *standards* ta' kompetenza u integrità u indipendenza li għandha tinżamm fil-professjoni msemmija fir-regolament 10.

(2) Deċiżjoni tal-Bord meħuda skont is-subregolament (2) tkun soġġetta għal appell skont l-artikolu 15B tal-Att.

Applikazzjoni ta' ċerta servizzi ta' verifika.

**12.** Id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mutatis mutandis għal kull xogħol jew servizz meħtieġ jew permess b'xi liġi biex ikun fornut jew magħmul minn awditur:

Iżda dan ir-regolament m'għandux japplika għal verifiki statutorji.